**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 03 ta' Lulju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 65/2017 AF**

**Annetto Farrugia**

**vs**

**Avukat Generali u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2018, il-Qorti ordnat li tissejjah fil-kawza "Olive Gardens Investments Limited"**

Il-Qorti:

Rat in-nota tar-rikorrent Annetto Farrugia li permezz taghha huwa issolleva l-eccezzjoni tar-rikuza tal-Imhallef sedenti ai termini tal-Art. 734 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti ordnat li n-nota tigi notifikata lill-partijiet li nghataw hmistax-il gurnata biex iwiegbu.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali.

Rat ir-risposta ta' Olive Gardens Investment Limited.

Ikkunsidrat illi l-Art. 734 tal-Kap. 12 jelenka c-cirkostanzi fejn gudikant ghandu jastjeni milli jisma' kawza u meta tista' ghalhekk tintalab ir-rikuza.

Il-principju regolatorju jibqa' dejjem li gudikant ghandu d-dover li jisma' u jiddeciedi kull kawza li tingieb quddiemu. Ghaldaqstant, l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati f'materja ta' rikuza huwa li r-ragunijiet jibqghu biss dawk li l-ligi ssemmi. Il-Qorti tirreferi senjatament fil-kuntest ghad-decizjonijiet ta' dawk il-Qrati fil-kawzi Fino vs St. Patrick's Salesian School (30 ta' Settembru 2015) kif ukoll Zammit Tabona vs Direttur Generali (25 ta' Novembru 2016) u wkoll Grech vs Jones (8 ta' Jannar 2018).

L-ilmenti tar-rikorrenti fil-kaz odjern jikkoncernaw essenzjalment ir-rilevanza tax-xhieda li qed tigi prodotta fi proceduri kostituzzjonali, li kif ben not, m'ghandhom qatt jigu rezi bhala appell iehor wara proceduri mitmuma regolarment. Ghalhekk il-Qorti mhijiex ser tikkummenta seriatim dwar id-diversi lmenti irrilevanti li qed isirulha mir-rikorrenti. Tenfasizza, però, li mhijiex ser tabdika mid-dover taghha li zzomm l-ordni fl-awla u li tikkontrolla l-procediment tal-kawza skond il-ligi b'tutela assoluta tal-jeddijiet kollha tal-partijiet kollha fil-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tar-rikuza kif sollevata minn Annetto Farrugia fin-nota tal-25 ta' Mejju 2018.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG